**<u>Stqarrija Ministerjali</u>**

**<u>Mill-Ministru għall-Enerġija u l-Konservazzjoni tal-Ilma dwar is-serq ta' dawl fl-Enemalta.</u>**

Sur President,

Ħassejt li kien xieraq li mill-ġdid naġġorna lil dan il-Parlament u lill-poplu Malti u Għawdxi b'dak li qed jiġri fil-Korporazzjoni Enemalta b'rabta ma' serq tal-elettriku.

Wara li ftit tal-jiem ilu, tkellimna dwar ir-racket sħiħa ta' serq tal-elettriku ġejt hawnhekk illum, biex ngħidu x'sibna aktar.

Meta tkellimna dwar dan ir-racket, l-oppozizzjoni ppruvat iddaħħal xi dubju dwar il-fatt li dan l-iskandlu beda taħt l-amministrazzjoni preċedenti.

Kien hawn min saħansitra qalilna li ma kienx jaf bis-serq tal-elettriku!

Ha ngħidilkom xi skoprejna!

Fl-ahhar gimghat fil-Korporazzjoni Enemalta kompliet tintensifika l-hidma in konnessjoni ma' serq u irregolaritajiet oħra marbuta mal-konsum tal-Elettriku.

Minn din il-hidma hareg biċ-ċar kemm il-Gvern preċedenti kien jaf li kien hemm is-serq u sahansitra ma' ha ebda azzjoni!

F'kamra mwarrba fl-Enemalta, fl-aħħar jiem, instabu għadd ta' files ta' kazijiet ta' serq ta' elettriku li thallew hemm mingħajr ma ttiehdet l-ebda azzjoni dwarhom!

Files li jmorru lura għall-2006!

Tafu kemm kien hemm każi ta' serq ta' elettriku li l-Gvern ta' qabel kien jaf bihom u ma' ħa l-ebda azzjoni dwarhom?

665 każ!

Saħansitra kien hemm uħud li nħadmilhom kemm suppost li għandhom jagħtu lura iżda l-flus baqgħu qatt ma nġabru!

Tafu kemm huwa stmat li jiswew lill-Enemalta il-każi ta' serq li għamlu stima għalihom? Aktar minn 2 miljun Ewro! Jiġifieri dawn inqabdu, hadmulhom is-somma li għandhom jagħtu u ma ttieħdetl-ebda azzjoni!

Dan apparti l-każi l-oħra li is-somma baqgħet ma nħadmitx!

Jirriżulta li b'kollox mill-elfejn u sitta sal-2011, madwar terz minnhom, baqa ma nħadmilhomx l-ammont ta' kemm insteraq elettriku.

L-ammont ta' każi li nħadmu u li baqgħu ma nġabrux ilaħħqu l-erbgha mija! U dan għaliex il-konsumatur baqa qatt ma ġie nfurmat!

Kien hemm ukoll ammont ta' każi fejn il-konsumaturi ġew infurmati iżda baqgħet qatt ma ttieħdet azzjoni! Imbasta llum qed jinsistu li aħna obbligati nieħdu azzjoni fil-konfront tal-Konsumaturi li serqu l-elettriku!

Kull file jirreferi għal każ ta' serq u meter tampering fejn kienet instabet l-irregolarita taht il-gvern preċedenti.

Li hu zgur hu li l-flus ma nġabrux lura għaliex ma ttihditx azzjoni.

Dan huwa skandlu ta' veru fejn inqabad is-serq u ma sar xejn dwaru mill-gvern precedenti.

Din hija z–zero tolerance li qed titkellem dwarha l-Oppozizzjoni?

Imbasta llum l-oppozizzjoni qed tinsisti li aħna obbligati nieħdu azzjoni fil-konfront tal-Konsumaturi li serqu l-elettriku!

X'ipokrezija minn naħa tal-Oppozizzjoni u minn naha ta' Dr Simon Busuttil li qed jiskanta li aħna qed nippruvaw niġbru flus mis-serq, skont avviz legali li ddahhal taht il-Gvern precedenti! U ahna dan qed naghmluh bil-ghan li jinqabad min kien il-moħħ wara dan ir-racket!

L-Oppozizzjoni meta kienu fil-Gvern, l-anqas il-flus dovuti lill-Enemalta ta' kazijiet li nstabu ma rnexxielhom jiġbru lura!

Infakkarkom, dan kollu fl-isfond tal-korporazzjoni li writna bi 800 miljun ewro dejn, bla ebda pjan biex terga lura fuq saqajha.

Sibna diżastru sħieħ f'kull sezzjoni, fid-distribuzzjoni u  fejn ma sar l-ebda investiment, fil-ġenerazzjoni u fil-*metering*.

Illum qed nifhem ghalfejn Simon Busuttil heba lil Tonio fenech għal dawn l-aħħar 3 ħimgħat!

U ahna ngħidulhom lill-Oppozizzjoni, Kif għidnilkom waqt il-kampanja elettorali – lilna tkejjluniex b'xibirkom! Li żgur nista ngħid huwa li qatt ma mmaginajna li ser insibu taħwid ta dan it-tip!

Dawn affarijiet li qed insibu llum fl-Enemalta ma jitwemmnux! Dawn huma prattiċi li l-pajjiż għandu ghalfejn jistħi bihom.

L-oppozizzjoni jriduna nagħmlu naghmlu witch hunt fuq il-konsumaturi u fl-istess waqt ma tagħmel xejn fuq kamra mimlija files b'serq li jammonta għal aktar minn  zewg miljun ewro!

Nistaqsi fejn kienu c-checks and balances?

Dawn m'humiex każi li ma kienux jafu bihom, anzi kienu jafu bihom imma ma sar xejn fuqhom!

Għal kuntrarju, dan il-Gvern qed jimxi mal-ligi u qed jipprova jaqbad il-moħħ wara dan ir-racket.

Din li sibna illum quddiemna hija l-Vera amnestija Onorevoli Busuttil!

Il-korporazzjoni tinduna b'dawn il-kazi, tiftah file, u kollox jibqa fuq l-ixkaffa! Nistaqsi x' kienet ir-raġuni għalfejn dawn il-każi kollha tħallew hemm. Tajjeb inkunu nafu ghalfejn f'korporazzjoni falluta, flus dovuti lilha ma ngabrux kif suppost!

Ahna b'differenza mill-Gvern ta' qabel, bdejna naħdmu biex xi ħaga bhal din ma tergax tirrepeti ruhha.

Infakkar li dan il-Gvern se jkun qed iraħħas il-kontijiet għal familji Maltin u Għawdxin għax jemmen fil-Fairness u ġustizzja Socjali ta' veru.

Ghal kuntrarju tal-Oppozizzjoni li issa qed jirriżulta li l-kritika tagħha hija biss għall-gallarija.

Minn hawnhekk nerġa niehu l-okkazzjoni biex nappella lil kull min jixtieq jirregolarizza l-pozizzjoni tieghu, jagħmel kuraġġ u jersaq il-quddiem jagħti lill-awtoritajiet kull informazzjoni li jista jkollu.

Qed naghtu 6 gimgħat cans skont l-avviz legali 18 tal-2006 lil dawk kollha li wettqu xi tip ta' serq biex jigu l-quddiem, jirregolarizzaw ruħhom, iħallsu l-flus dovuti u l-penali u jiġu l-quddiem b'informazzjoni.

Infakkarkom lil familji u n-negozji li l-konsegwenzi ghal min ma jersaqx il-quddiem hu, se jkunu hafna iktar serji u gravi.